C/2025/5163

22.9.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' Settembru 2025

## li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-Slovenja

(C/2025/5163)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2025 [2], il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2028.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Pia AŽMAN KLUKOVIČ sar vakanti siġġu ta' membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(3) Il-Gvern tas-Slovenja nnomina kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Jasna JERAM hija maħtura membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sa Pia AŽMAN KLUKOVIČ għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2028.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BJERRE

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2025 li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, (ĠU C, C/2025/2802, 19.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2802/oj).